MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 1364/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**JUSTIN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Justin Farrugia ta' 20 sena, bin Carmel u Maria Dolores nee' Aquilina, mwieled Pieta' fit- 2 ta' Ottubru 1991, residenti 30, Suq Bonnici, Bormla u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 494991M;

Talli;

1) fit- 31 ta' Marzu 2009, ghall- habta tat- 8.15pm, fi Triq il- Ponta, Senglea, bil- hsieb li jaghmel delitt u cioe' minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' PS

1210 James Gauci stazzjonat l- ghassa Bormla f’ perikolu car ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il- persuna tal-imsemmi PS 1210 James Gauci stazzjonat l- ghassa Bormla, wera dan il- hsieb b’ atti esternti u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu;

2) kif ukoll data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura tal- ghamla Nissan March bin- numru tar-registrazzjoni EAU 783 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga f’ ismu mill- awtorita’ kompetenti;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

L-imputat kien qed isuq vettura fid-data indikata, madwar tlitt snin ilu, meta l-Pulizija riedu jwaqqfuh ghax kien qed isuq u jattira hafna attenzjoni fuqu. Fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat, hu kien ghadu minorenni. Hu ghazel li ma jieqafx, u baqa’ sejjer, izda l-Pulizija sabuh u lahqu mieghu, u ttiehed l-Ghassa fejn kien gie interrogat. Ghalxi raguni, l-Pulizija ghazlet li tiehu passi kontra l-imputat wara li ghaddew kwazi tlitt snin, u allura t-tieni imputazzjoni – u diversi imputazzjonijiet ohra li setghu jaghtu lill-imputat – illum huma preskritti. Jibqa’ biss dik ta’ tentattiv ta’ griehi gravi, li peress illi gew kommessi fuq ufficjal pubbliku, il-Qorti ser ikollha zzomm piena iebsa u ghola sew mil-minimum. Madankollu, dan kien tentattiv, u

l-imputat kien ghadu minorenni fiz-zmien tar-reat, u ghalhekk il-piena ghandha bil-ligi tonqos ta' l-anqas b'zewg gradi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 37, 41, 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni tal- ewwel (1) akkuza din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal senetjn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tiddikjara t- tieni (2) akkuza preskritta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------